

31999D0595

L 226/23

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

27.8.1999

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tal-20 ta' Lulju 1999****dwar l-allokazzjoni indikattiva tal-kontibuzzjoni finanzjarja ta' kull sena tal-Komunità għall-miżuri ta' qabel l-adeżjoni għall-żvilupp agrikolu u rurali***(notifikata taħt id-dokument numru C(1999) 2431)*

(1999/595/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

gross dometiku kull persuna fil-parità tas-saħħa tax-xiri u s-sitwazzjoni speċifika territorjali;

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1268/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar is-sostenn tal-Komunità għall-miżuri ta' qabel l-adeżjoni għall-żvilupp agrikolu u rurali fil-pajjiżi applikanti tal-Ewropa ċentrali u tal-lvant fil-perjodu ta' qabel l-adeżjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

- (1) Billi fil-perspettiva finanzjarja għall-perjodu 2000 sal-2006 kif miftiehema mill-Kunsill Ewropew fis-sessjoni ta' Berlin tal-24 u l-25 ta' Marzu 1999 u inkluża fil-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 dwar id-dixxiplina tal-baġit u dwar it-titjib fil-proċedura tal-baġit, il-limitu għat-tlett strumenti ta' qabel l-adeżjoni ġie ffixsat; billi l-ammont muri skond l-imsemmi Regolament huwa ammont kostanti ta' EWRO 520 million fil-prezzijiet tal-1999; billi l-allokazzjonijiet finanzjarji tal-Komunità huma f'kull każ limitati bl-appropriazzjonijiet adottati mill-awtorità tal-baġit;
- (2) Billi l-Komunità għandha tikkomunika d-deċiżjonijiet tagħha lill-kull pajjiż applikant dwar l-allokazzjoni finanzjarja indikattiva tar-riżorsi disponibbli;
- (3) Billi l-Artikolu 7(3) ta' dak ir-Regolament jistipula li l-allokazzjoni finanzjarja għandha tkun ibbażata fuq il-popolazzjoni tal-bdiewa, iż-żona agrikola, il-prodott

- (4) Billi l-pajjiżi applikanti għandhom iġeju il-pjan imsemmi fl-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament u jibgħatuh lill-Kummissjoni; billi li jkun jafu l-ammont tal-allokazzjoni finanzjarja mill-Kummissjoni huq prerekwiżit għat-thejjja tal-pjan;

- (5) Billi għandu jiġi nnotat li l-għoti ta' għajnuna tal-Komunità taħt l-istrument agrikolu ta' qabel l-adeżjoni huwa kondizzjonat mill-osservanza tal-pajjiż applikant mad-dispożizzjonijiet finanzjarji miftiehema fil-protokollu finanzjarji stabbiliti bejn il-Komunità u l-pajjiżi benefiċjarji,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-allokazzjoni indikattiva finanzjarja minn pajjiż benefiċjarju tal-ammont massimu tal-kontibuzzjoni finanzjarja ta' kull sena tal-Komunità skond ir-Regolament (KE) Nru 1268/1999 għandha tiġi ffixsata b'konformità mal-Anness li jinsab ma' din id-Deċiżjoni. L-ammonti huma espressi bħala prezzijiet kostanti tal-1999.

L-allokazzjoni għandha tiġi ffixsata għall-perjodu 2000 sal-2006. Din għandha tiġi riveduta, jekk tinqala' l-ħtieġa, skond l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1268/1999.

Il-kontibuzzjonijiet għandhom ikunu aġġustati fejn meħtieġ fuq il-bażi tal-appropriazzjonijiet adottati mill-awtorità tal-baġit.

⁽¹⁾ ĠU L 161, tas-26.6.1999, p. 87.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Lulju, 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNEX

Allokazzjoni indikattiva mill-pajjiż benefiċjarju tal-ammont massimu ta' kull sena f'ewro, fi prezzijiet tal-1999, tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità

| Pajjiżi benefiċjarji | Allokazzjoni ta' kull sena f'ewro (prezzijiet tal-1999) |
|----------------------|--|
| Bulgarija | 52 124 000 |
| Repubblika Ċeka | 22 063 000 |
| Estonja | 12 137 000 |
| Ungerija | 38 054 000 |
| Litwanja | 29 829 000 |
| Latvja | 21 848 000 |
| Polonja | 168 683 000 |
| Rumanija | 150 636 000 |
| Slovenja | 6 337 000 |
| Slovakkja | 18 289 000 |
| Total | 520 000 000 |